MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 177/2008

**Alexandra Balzan Ruggier**

**vs**

**Amadeo Balzan**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ir-Rikors guramentat tar-rikorrenti fejn tesponi :**

1. Illi r-rikorrenti hija wahda mi-tlett azzjonisti tas-socjeta' Central Holidays (Travel & Tourism) Limited (C8035) [aktar 'l isfel msejha s-Socjeta'] u ghandha partecipazzjoni

komplessiva ta’ disgha u erbghin punt sitta u disghin fil-mija (49.96%) tal-ishma kollha fis-socjeta’ kif jirrizulta mill-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta’ (hawn anness u mmarkat Dok. A);

2. Illi inoltre r-rikorrenti hija wahda miz-zewg diretturi appuntati fuq il-Bord ta-Diretturi tas-Socjeta’ skond l-istess Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta’ (Dok. A);

3. Illi l-intimat huwa d-direttur l-iehor appuntat fuq il-Bord tad-Diretturi tas-Socjeta’;

4. Illi ai termini tal-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta ‘ l-amministrazzjoni tas-Socjeta’ hija vestita fil-Bord tad-Diretturi (ara Klawzola Numru 10 tal-Istatut), liema Bord illum jinsab kompost mir-rikorrenti u mill-intimat kif spjegat aktar il fuq;

5. Illi l-intimat ilu ghal diversi xhur jippregudika d-drittijiet tar-rikorrenti b’agir abbuziv u llegali fil-konfront taghha bhala direttrici tas-Socjeta’ u dan billi:

(a) it-tmexxija tas-Socjeta’ mhijiex qed issir ai termini tal-Memorandum u l-Istatut tas-Socjeta’, tant illi minkejja ghall-insistenza tar-rikorrenti mhumiex qeghdin isiru laqghat tad-diretturi, bil-konsegwenza illi l-operazzjonijiet tas-Socjeta’ qeghdin isiru minghajr l-awtorizzazzjoni jew l-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi. Prezentement l-intimat qieghed abbuzivament imexxi s-Socjeta’ unilateralment minghajr l-ebda konsultazzjoni mar-rikorrenti li qed tigi negata d-dritt li tmexxi u tamministra s-Socjeta’ flimkien mal-intimat tramite l-Bord tad-Diretturi;

(b) *per di piu* konsegwenza tal-agir abbuziv ta’ l-intimat, ir-rikorrenti qed tigi michuda milli taccedi ghall-kotba u ghad-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jikkoncernaw l-operazzjonijiet kummercjali tas-Socjeta’ fosthom l-*accounts* u l-korrispondenza relattiva;

6. Illi inoltre sabiex l-intimat zgur icahhad lir-rikorrenti minn dawn id-drittijiet taghha huwa qieghed sahansitra abbuzivament jimpedila milli taccedi ghall-ufficju registrat

tas-Socjeta' fejn jinsabu l-kotba, dokumentazzjoni u nformazzjoni ohra li jikkoncernaw is-Socjeta';

7. Illi r-rikorrenti nterpellat lill-intimat permezz ta' ittra datata 2 ta' Jannar 2008 sabiex fost l-ohrajn jipprovdilha, kopja tac-cwievet tal-fond 113, St. George's Road, San Giljan (fejn jinsab l-ufficju registrat tas-Socjeta'), kopja ta' kull korrispondenza u dokumentazzjoni li ghandhom x'jaqsmu mas-Socjeta' u rendikont dettaljat u komplut ta' l-operazzjonijiet u tal-finanzi tas-Socjeta' sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tevalwa bir-reqqa l-operazzjonijiet ta' l-istess Socjeta' (l-ittra hija hawn annessa u mmarkata Dok. B);

8. Illi minkejja tali nterpellazzjoni, r-rikorrenti ma rcevitx risposta minghand l-intimat u naturalment ma gietx mghoddija la kopja u anqas access ghall-informazzjoni rikjesta;

9. Illi ghalhekk minhabba dan l-agir abbuziv u llegali ta' l-intimat, fil-prezent ir-rikorrenti qed tigi mcahhda milli tezercita d-drittijiet taghha ta' direttrici tas-Socjeta' u fic-cirkostanzi tista' biss tirrikorri permezz tar-rikors guramentat *de quo* sabiex jitharsu l-interessi u d-drittijiet taghha bhala tali.

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddikjara illi l-agir ta' l-intimat fil-konfront tar-rikorrenti kif hawn fuq premess huwa abbuziv u qed jipregudika d-drittijiet taghha bhala direttrici tas-Socjeta';

2. Tipprojbixxi lill-intimat milli jiehu aktar decizjonijiet dwar it-tmexxija u l-amministrazzjoni tas-Socjeta' minghajr l-involviment shih tar-rikorrenti bhala direttrici tal-istess Socjeta';

3. Tordna lill-intimat jaghti lir-rikorrent access liberu ghall-kotba u d-dokumenti kollha tas-Socjeta', nkluz il-kotba tal-kontijiet, korrispondenza u dokumentazzjoni ohra relattiva ghal-operazzjonijet tas-Socjeta' u dan f'perjodu qasir u

perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan il-ghan;

4. Tordna lill-intimat illi jaghti lir-rikorrenti rendikont shih ta' l-operazzjonijet tas-Socjeta' u nformazzjoni dettaljata dwar il-finanzi tas-Socjeta' mill-1 ta' Mejju 2007 l'hawn u dan f'perjodu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghbobha tiffissa ghal dan il-ghan.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat a fol 23 li permezz taghha jippremetti illi:**

1. Preliminarjament illi r-rikors guramentat promutur huwa null stante li huwa neboluz u ma jindikax b'mod car u sewwa l-oggett u t-tip tal-kawza esperita w ir-ragunijiet tat-talba u kwindi l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi minn dan il-fatt l-attrici ghandha tiddikjara b'mod car u univoku taht liema artikolu tal-Ligi hija qed tibbaza l-kawza taghha. Ghal dan il-ghan l-eccipjenti qieghed izomm ferm id-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri wara li jigi ndikat lilu tali artikolu u/jew artikoli tal-Ligi.

2. Preliminarjament ukoll u bla ebda pregudizzju ghas-suespost l-attrici fil-kwalita' taghha premessa m'ghandha assolutament ebda nteress guridiku biex tippromwovi l-kawza *de quo* stante illi jekk hemm lok ta' azzjoni kontra wiehed mid-diretturi, din tispetta lill-kumpanija *per se* u mhux lill-attrici.

3. Illi fil-mertu u bla ebda pregudizzju ghas-suespost il-kawza *de quo* hija nsostenibbli u t-talbiet bla bazi *inter alia* peress illi:

(a) Direttur m'ghandu bzonn jikkonsulta ruhu ma hadd ghall-operat tal-kumpanija u dan johrog kemm mill-*Companies Act* u kif ukoll mill-artikolu 9 tal-Memorandum;

(b) Di piu, l-intimat huwa l-*Managing Director* tal-kumpanija u allura aktar u aktar m'ghandux bzonn jikkonsulta ruhu ma' l-attrici ghall-operat tal-kumpanija (vide artikoli 16 u 17 tal-*Articles of Association*);

(c) Kwantu ghall-allegazzjoni li l-attrici qieghdha tigi nnegata access ghall-kotba u ghall-ufficju tal-kumpanija, dan m'hu veru assolutament xejn u anzi jigi rilevat illi wara assenza ta' snin shah mill-ufficini tal-kumpanija, kienet l-attrici stess illi dahlet fl-ufficju al-kumpanija u arbitrarjament u llegalment hadet flus u dokumenti tal-kumpanija oltre li ghamlu hafna hsara fl-istess ufficju;

(d) Kwantu ghat-talba li l-intimat ghandu jigi pprojbit milli jiehu aktar decizjonijiet din hija assolutament bla ebda bazi peress illi *semmai* hija meritu li ghandu jigi ndirizzat bi proceduri ohra mhux bil-kawza *de quo*.

4. Illi fl-ahhar nett, it-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt stante li inter alia l-intimat mhu qed jirreka ebda pregudizzju lill-attrici u lanqas lill-kumpanija, u in ogni kaz rigward it-talba ta' l-attrici sabiex l-intimat jibghat l-istatement of affairs tal-kumpanija din hija nfondata peress illi l-attrici nnifisha quo direttur ta' l-istess kumpanija ghandha kull dritt taccedi fl-ufficini taghha u tispezzjona hi personalment tali dokumenti.

5. Illi ghalhekk: (a) kwantu ghall-ewwel talba attrici m'hemmx lok ghad-dikjarazzjoni mitluba stante li l-konvenut mhux qed jimxi b'mod abbuziv u m'hu qed jippregudika lil hadd; (b) kwantu ghat-tieni talba din hija wkoll infondata peress li hi merti *semmai* ta' proceduri ohra kontemplati fil-Ligi; u (c) kwantu ghat-tielet u r-raba' talbiet m'hemmx ukoll lok li dawn jintlaqghu peress illi l-attrici stess ghandha kull dritt tispezzjona d-dokumenti tal-kumpanija u tara l-operazzjonijet tal-kumpanija hi stess kif hawn fuq spjegat.

6. Salvi jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri, wara li l-attrici tiddikjara taht liema artikolu tal-Ligi qieghdha tippromwovi l-azzjoni taghha.

Bl-ispejjez kollha u bir-riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-esponenti skond il-Ligi kontra l-istess attrici.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Rat in-noti tal-partijiet

**Eccezzjoni preliminari**

L-intimat eccepixxa li t-talba tar-rikorrenti tikkontravjeni d-dispost ta' l-Artikolu 156 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili fis-sens illi din ma tikkontjenix "tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba". Hu jghid li r-rikorrenti kellha tiddikjara b'mod car u univoku taht liema artikolu tal-Ligi hija qed tibbaza l-kawza taghha altriment hu ma jkunx f'posizzjoni li jiddefendi ruhu skond il-Ligi.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-intimat eccepixxa li r-rikors guramentat hu null billi hu nebuluz.

Il-Qorti tirrileva li n-nullita' ta' att gudizzjarju, biex tirnexxi, trid taqa' taht il-parametri precizi ta' dak li jipprovvdi l-artikolu 789(1) tal-Kap. 12. Jidher li l-intimat qed jibbaza l-eccezzjoni tieghu b'riferenza ghall-artikolu 156 mas-sub-inciz (d) ta' l-artikolu 789 li jikkomina nullita' fejn "l-att ikun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mil-ligi".

Fil-ligi tal-procedura hu mehtieg li l-kawzali tkun espressa fic-citazzjoni b'mod car u sewwa. Dan ir-rekwizit hu necessarju fl-interess tal-kontroparti biex din tkun tista' tiddefendi ruhha. Il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari kif ghandha tigi formulata c-citazzjoni imma bizzejjed jiftiehem x'ikun qed jintalab. (Ara d-decizjonijiet Vol. XLIII P II p.748; Vol. XXXIV P II p.502; Vol. XXIX P I p.431, fost bosta ohrajn).

Fil-kaz in ezami fir-rikors guramentat jidher car x'inhu l-oggett tal-kawza u r-ragunijiet ghaliex qed isiru t-talbiet. Ir-rikorrenti ppremettiet li biex jitharsu l-interessi u d-drittijiet taghha bhala direttrici tas-socjeta' Central Holidays

(Travel & Tourism) Ltd u minhabba l-agir abbuziv u llegali ta’ l-intimat li qed jippregudika d-drittijiet taghha, talbet li jigi dikjarat li l-agir ta’ intimat hu abbuziv u qed jippregudika d-drittijiet taghha u ghalhekk ghandu jigi pprojbit milli jkompli jagixxi b’dan il-mod kif ukoll li l-intimat jigi ordnat li jaghti lir-rikorrent access ghall kumpanija u li jaghti rendikont tal-operazzjonijiet tas-socjeta’. Mill-premessi fir-rikors guramentat l-intimat ma jistax jghid li ma hemmx “tifsir car u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba”.

L-intimat issottometta wkoll li r-rikorrenti kellha tiddikjara b’mod car u univoku taht liema disposizzjoni tal-ligi hija qeda tippromuovi l-kawza taghha.

Illi mkien fil-ligi tal-procedura m’hemm imsemmi li biex l-attur jista’ jressaq pretensjoni f’kawza, bilfors irid isemmi taht liema disposizzjoni tal-ligi qieghed jaghmel dan. L-artikolu 156(1) tal-Kap. 12 ifisser x’inhuma l-elementi essenzjali li ghandhom jikkostitwixxi r-rikors guramentat u jesigi biss li jkun “tifsir car u sewwa tal-oggett u r-ragnui tat-talba”. Il-Qorti, fejn jidhlu nullitajiet, trid timxi b’cirkospezzjoni u ghandu japplika’ l-principju “ut magis res valeat quam pereat”

Fil-kaz in ezami l-azzjoni tar-rikorrenti hija bbazata fuq dak li jipprovvdi l-istatut tas-socejta’ Central Holidays (Travel & Tourism) Ltd, fuq dak li tiddispondi l-ligi dwar l-obbligi tad-diretturi , kif ukoll dak li jipprovvdi il-Kap. 386 l-Att dwar il-Kumpaniji. (ara App Ellul vs Ellul 31/1/03). Ir-rikorrenti fir-rikors taghha qed tikkontendi li d-drittijiet taghha ta’ direttrici tas-socjeta de qua qed jigu vjolati.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat
Spejjez riservati ghad-decizjoni finali
U tiddifferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni ghas-7 ta’ April 2009 fl-10.30 a.m. quddiem dina l-Qorti diversament preseduta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------